MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
### MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA

Seduta tas-6 ta' Frar, 2014

Numru. 652/2010

PULIZIJA
**SPETTUR TREVOR MICALLEF**

**VS**

**CLIVE PARNIS**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Clive Parnis, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 457693 (M).

**Akkuzat talli:**

F’dawn il-gzejjer fis-27 ta` Gunju, 2010, ghal habta ta` nofs il-lejl (12:00am), gewwa Escape, Triq San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi ta` Triq San Gorg, San Giljan:

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b’hebb kontra PS 1033 Sandro Mangion, PC 691 Juan Mula, PC 798 Anthony Camilleri u PC 389 Saviour Bonnici, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta` ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

2. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikkaguna ferita ta` natura hafifa fuq il-persuni ta` PS 1033 Sandro Mangion, PC 691 Juan Mula u PC 798 Anthony Camilleri persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta` ordni moghti skont il-ligi mill-awtorita` kompetenti;

3. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta` WPS 110 Maria Scicluna, PS 1033 Sandro Mangion, PC 691 Juan Mula u PC 798 Anthony Camilleri, persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qiedghin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz,jew bil-hsieb li jbezzghahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz;

4. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi b'nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta` tharis tar-regolamenti ikkaguna hsara fl-arlogg tal-idejn ta` PC 691 Juan Mula;

5. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kisser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied;

6. Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cikostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkluhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'mod jew iehor, bla jedd, indahlu fi dmirijiethom billi ma hallewx lil hadiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista` jaghmel, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ikun ghamel dkont il-ligi, jew b'xi mod iehor.

Il-Qorti giet gentilment mitluba biex tinvestiga da nil-kaz skont il-ligi u titlob lil din l-onorabbli qorti tordna lill-imputat jiddepozita l-karta tal-identita` kif ukoll il-passaport tieghu f'dawn l-atti u dan fid-dawl tal-izvilupp tas-shubija ta` pajjizna fiz-zona Schengen ai termini tal-artikoli 6 A (b) tal-Att Dwar il-Karta tal-Identita`, Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa u l-provi prodotta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;
Wara li rat l-Artikoli 95, 96, 338 (dd) (ee) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkunsidrat:**

Illi wara nstemlghu l-provi prodotti miz-zewg nahat, il-Prosekuzzjoni irremettiet ruhha ghall-provi li hemm u lanqas biss ghamlet trattazzjoni.

Ili, fl-umli opinjoni ta` dina l-Qorti kif preseduta, il-Prosekuzzjoni ghamlet sew ghaliex il-provi prodotti huma cari u skjaccanti tant tant illi ma jhallu u ma jistghux ihallu dubbju li l-imputat huwa kolpevoli tal-akkuzi kollha, minghajr eccezzjoni li ngabu kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni. Ma hemm l-ebda skuzanti!

Illi l-avukat difensur, fit-trattazzjoni tieghu, ipprova jpingi stampa ta` imputat omtebba bil-konsegwenzi ta` separazzjoni ferm qalila bejn missiru u ommu qisu dak illi ghamel l-imputat ghandu jigi skuzat minhabba l-effetti negattivi li dina s-separazzjoni, bil-glied qalil u feroci taghha, kellha fuq l-imputat ghadu tifel. Dan huwa ferm possibli izda bl-ebda mod ma jiskuza l-komportament tal-imputat dak in-nhar tal-episodju. Jista` biss jimmilita favurieh meta wiehed jigi biex jamministra l-piena.

Ugwalment l-abbli avukat difensur jaghmel riferenza ghax-xhieda ta` misier l-imputat, Victor Parnis, fejn allega li x-xhieda Pulizija li kienu xhieda f'dina l-kawza kienu qiedghin barra l-bieb tal-Awla tal-Qorti jikkonfoffaw bejniethom b'dak li ghandhom x'jghidu quddiem il-Magistrat. Meta Victor Parnis kien ippressat mill-Qorti biex jghidliha x'kien semghahom jghidu, huwa rrakkonta biss illi

semghahom jghidlu kliem hazing fil-konfront tal-imputat u li wiehed ghadda *envelope* lill-iehor. Xejn li qal Victor Parnis ma seta` jigi interpretat li l-Pulizija xhieda pruvaw. B’xi mod, ippruvaw jaghwgu d-dinamika ta` dak illi gara dak in-nhar tal-incident. Dak in-nhar li xehed missier l-imputat jidher illi qamet kolluzjoni barra l-bieb tal-Qorti wara li Victor Parnis kellu xi jghid ma dawn il-membri tal-Korp. Jidher illi t-tifel, l-imputat, kien qallu li meta huwa kien arrestat, il-Pulizija kienet tefghetu sular tarag mill-Ghassa ta` San Giljan meta kien immanettjat u li t-tifel kien sofra xi griehi. Il-missier qatt makien rah dan l-incident izda ghad biss fuq il-verzjoni li tah ibnu u lanqas biss ma kien irrapurtah lill-awtoritajiet koncernati. Fil-fatt qatt ma ttiehdu passi kriminali kontra dawn il-membri tal-Korp tal-Pulizija. Dan l-episodju ma jista` jikkontibuwixxi xejn ghal kawza *de quo*.

Fatt interessanti huwa li l-avukat difensur qieghed itenni li l-imputat huwa mmarkat mis-separazzjoni kiefra u tqila tal-genituri tieghu u jesebixxi tlett (3) sentenzi li jinkulpaw lil-ommu f’serje ta` incidenti dwar nuqqas li tobdi ordni legittimi tal-Pulizija, resistenza u ksur ta` paci pubblika min-naha taghha. Dawn is-sentenzi huma datati 18 ta` Gunju, 2010, 27 ta` Jannar, 2011 u 21 ta` Frar, 2012 rispettivament. Izda harsa lejn il-Fedina Penali tal-imputat juri li ferm qabel dawn id-dati u cioe` fit-8 u 15 ta` April, 2010, gewwa Paceville u Triq San Gorg, San Giljan, l-imputat kien instab hati ta` ksur ta` bon ordni, glied, ghajjat u kliem oxxen. Dan ta` sittax (16) –il sena biss!

Jidher li l-imputat huwa tifel difficli izda piena karcerarja ghadha mhiex ghalih.

Illi din il-Qorti wara li rat l-atti, semghet il-provi u semghet it-trattazzjoni tal-Avukat Difensur u tal-Prosekuzzjoni, ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni u tikkundannah taht l-artikolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, Sezzjoni 22, li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum filwaqt li tqieghed lill-istess imputat taht *probation order,* ai terminu tal-artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, ghal perjodu ta` tlett (3) snin li matulhom ghandu jaghmel ukoll xoghol komunitarju.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------